**NAXXAR**

## MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ

### SEDUTA NRU. 10 - IT-TNEJN, 26 TA' APRIL 2011

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil- 5:35pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Mary Anne Cuomo | *Chairperson* |
| | Joseph Woods | Viċi-*Chairperson* |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Maria Vella | Membru |
| | Joseph Pierre Bonello | Membru |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI**

1.1. Il-minuti tal-laqgħa ta' qabel ġew approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**2. KOMUNIKAZZJONI MIĊ-*CHAIRPERSON***

2.1. Is-Sinj. Cuomo infurmat li kienet saret laqgħa ma' kuntrattur li jiġbor il-ħwejjeġ użati mingħajr ħlas għar-riċiklaġġ. Minħabba li kien hemm qbil li dan is-servizz għandu jingħata wkoll f'BIĊ, il-kuntrattur kellu jidentifika ġurnata meta jkun jista' jsir dan il-ġbir ta' ħwejjeġ.

2.2. Is-Sur Gatt informa li kienet saret laqgħa mas-Sur Angelito Sciberras dwar l-użu tal-art tal-iscouts ta' B'Kara fejn kienu preżenti ċ-Chairperson u hu. F'din il-laqgħa saret oġġezzjoni għall-fatt li dawn mhux qed jimxu mal-kuntratt u meta intalbu l-użu tal-art ma riedux jaċċettaw. Saru wkoll ilmenti li kienu qed jidħlu mir-residenti b'mod partikulari fuq storbju u tħollija ta' ħmieġ. Is-Sur Angelito Sciberras talab li t-talba ssir kif suppost skont il-kuntratt ħalli jaċċerta li l-iscouts ikunu konformi mal-klawsoli kollha tal-kuntratt.

**3. IL-PROĠETT TAL-PJAZZA TA' BIĊ**

3.1. Il-Kumitat kien infurmat li kien hemm l-impenn min-naħa tal-MRRA biex ix-xogħol fuq il-Pjazza ta' BIĊ jibda f'Ġunju però dan iseħħ kemm-il darba l-Kunsill jiffinanzja l-apparat tal-bandli bi spiża ta' madwar €34,000. Is-SE qara *email* dwar dan mingħand l-istess Ministeru.

3.2. Il-Kumitat kien infurmat ukoll li l-Kunsill kien qiegħed isib diffikultà biex jikkonferma f'dak l-istadju minħabba li ma kienx jaf x'inhi s-sitwazzjoni finanzjarja.

3.3. Kien hemm qbil li l-Kumitat għandu possibilment jipprova joħroġ is-sehem tiegħu ukoll li jkun ta' madwar €5,000.

3.4. Kien hemm qbil ukoll li għandu jkun hemm il-pjanta fuq in-*notice board* u tintalab li titwaħħal *board* biex turi li x-xogħol se jibda.

3.5. Is-Sur Bonello talab li possibilment issir diskussjoni mad-Dipartiment u l-Periti dwar id-dettalji tax-xogħol. Madanakollu kien hemm qbil li din titħalla għal aktar tard biex ma twaqqafx il-bidu tax-xogħol innifsu.

## 4. L-ALLOKAZZJONI FINANZJARJA

4.1. Is-SE informa li l-allokazzjoni finanzjarja mill-baġit tal-Kunsill għas-sena 2011 kienet ta' €88,280.

4.2. Sadanittant is-Sinj. Cuomo infurmat li kienet qed tikkomunika mal-Onor Dr Chris Said dwar bżonnijiet ta' dwal ġodda u li bl-allokazzjoni indikata ma kienx se jkun possibli li jsiru.

4.3. Is-Sinj. Cuomo infurmat ukoll li ma kienx jidher li qed isir xogħol fuq il-manutenzjoni tal-ġonna.

## 5. PARKEĠĠ RISERVAT FEJN IL-KNISJA

5.1. Il-Kumitat qabel li għandu japplika biex issir *disabled parking* fejn ir-rampa tal-Knisja fuq Triq ix-Xambekk.

## 6. PARKEĠĠ GĦAR-RESIDENTI FI TRIQ XATT IL-PALM

6.1. Is-SE informa li kien hemm problema bejn il-Kunsill u Transport Malta (TM) fuq ħlas ta' xogħol li kien sar mill-kuntrattur ta' TM biex inqalgħu *thumps* li ma kienux koperti bil-permessi meħtieġa. Dan wassal biex min-naħa ta' TM twaqqaf kull permess lill-Kunsill u għalhekk it-talbiet kollha dwar traffiku twaqqfu milli jiġu pproċessati.

6.2. Kien espress li mhux ġust, li għax hemm kwistjoni mal-Kunsill, jitwaqqfu wkoll talbiet tal-Kumitat Amministrattiv.

## 7. XOGĦLIJIET TA' TOROQ

7.1. Is-SE spjega l-proċess kollu involut kull meta jkunu se jsiru xogħlijiet fit-toroq. Huwa informa li l-proċessi kienu waslu fi tmiemhom u x-xogħol ma kellux idum biex jibda għalkemm f'dak l-istadju ma kienx f'pożizzjoni li jagħtihom aktar dettalji.

## 8. ĦWEJJEĠ OĦRA

8.1. Is-Sur Woods infroma li l-laqgħa tan-negozji li jmiss kienu se jinkludu l-involviment ta' *Malta Enterprise*.

8.2. Kien hemm diskussjoni dwar taħdita proposta dwar *Community Development.* Kien hemm qbil li possibilment din it-taħdita għandha ssir.

8.3. Is-Sur Woods informa li kien se jikkordina laqgħa ma' rappreżentanti ta' MEUSAC f'BIĊ biex iduru l-lokalità u jaraw xi bżonnijiet hemm li jistgħu jibbenefikaw minn fondi tal-UE.

8.4. Kienet irrappurtata bozza tteptep fi Triq id-Dwieli.

8.5. Is-SE intalab jibgħat skeda tat-tindif tat-toroq lill-membri kollha.

8.6. Is-Sinj. Vella infurmat li l-attivitajiet sportivi kienu marru tajjeb ħafna. Infurmat ukoll li s-sessjonijiet tal-Pilates se jsiru l-Ħamis bejn is-6:30 u s-7:30.

8.7. Is-Sinj. Cuomo infurmat li kellha kuntatti mas-Sur Kenneth Gauci Borda fejn kien qiegħed jipproponi lezzjonijiet tal-arti iżda li dawn isiru għandu u mhux f'BIĊ.

Huwa xtaq risposta malajr iżda wieħed ried jikkunsidra li jkun meħtieġ it-trasport. Is-SE talabhom jikkunsidraw u jieħdu idea mingħand il-ġenituri dwar jekk ikunux lesti li jibgħatuhom barra mil-lokalità qabel ma jieħdu deċiżjoni definittiva.

8.8. Is-Sinj. Cuomo infurmat li jekk ma kienx se jkun hemm ammont ta' parteċipanti għall-korsijiet tal-kompjuter, ma kienx se jkun possibli li TCTC jħallu l-kompjuters f'BIĊ.

8.9. Ingħata wkoll dettalji tal-avviżi li se jidhru fit-tieni ċirkulari lir-residenti. Fost dawn kien hemm il-korsijiet ta' Zumba, Aerobics u anki *self-defence*.

8.10. Is-SE kien imfakkar fl-ittra lir-residenti dwar iż-żjarat tal-membri tal-Kumitat fid-djar u s-survey.

8.11. Is-Sinj. Muscat ressqet ilment ta' karozza li qed tkun ipparkjata wiċċha l-isfel fi Triq ir-Ridott, li hija *one way*. Is-SE talab li jkollu d-dettalji.

8.12. Is-Sur Woods informa li kien qiegħed jipprova li jsib kelliem biex issir taħdita għall-ġenituri dwar l-eżamijiet tat-tfal. Possibilment din issir fit-tieni ġimgħa ta' Mejju.

8.13. Kien hemm qbil li għandha ssir ittra lill-Onor Pullicino bħala ringrazzjament għall-proġett tal-Pjazza.

8.14. Is-SE kien infurmat li t-*telephone booth* fi Triq Anton Manwel Caruana kien għadu bil-ħġieġa mkissra.

8.15. Il-Kumitat kien infurmat li Triq is-Sies kien għadu bis-servizz tal-fossa minħabba li ma kienx hemm sistema tad-drenaġġ.

8.16. Issemmiet is-*slipway* u l-bżonn li tkun irranġata.

8.17. Kien irrapurtat li ċertu Robert Sammut qed iħalli l-klieb iħammġu barra.

8.18. Tqajjmet il-problema ta' tqassim ta' ċertu fuljetti tal-Kunsill f'BIĊ u kif dawn jistgħu qed ifixklu lir-residenti aktar milli jgħinnu. Is-SE talab li jkollu direzzjoni ċara dwar ix-xewqat tal-Kumitat ħalli jevita li jinħolqu diffikultajiet. Il-Kumitat qabel li, fejn ikun hemm involut il-lokalità ta' BIĊ għandu jkun hemm nota li l-Kumitat qiegħed ikun involut u li jsiru arranġamenti għar-residenti ta' BIĊ. Madanakollu meta l-fuljetti tal-Kunsill ikunu dwar attivitajiet li jistgħu ikunu f'konflitt ma' attivitajiet ta' BIĊ il-Kumitat wera x-xewqa li ma jitqassmux f'BIĊ.

8.19. Is-Sinj. Cuomo tat informazzjoni dwar it-talba li saret mid-Dipartiment biex jgħaddu s-suġġerimenti għall-istemma ta' BIĊ. Hija infurmat li saret sejħa pubblika biex jgħaddu l-proposti lill-Kumitat.

## 9. TMIEM IL-LAQGĦA

9.1. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis 26 ta' Mejju fil-5:30pm.

9.2. Il-laqgħa intemmet fis-7.35pm.

Mary Anne Cuomo
*Chairperson*

Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM
Segretarju Eżekuttiv